MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1113/2005

**Simonds Farsons Cisk p.l.c.**

**vs**

**George Galea & Sons Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici premettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha u sittin elf mitejn u disgha u tletin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm64,239.78) skond *statement of account* (kopja tieghu hawn annessa u mmarkata Dok. A), inkluz l-imghax relattiv kkalkulat sal-31 ta' Lulju 2005, u liema somma tirrapprezenta valur ta' prodotti ta' xorb li l-istess socjeta` konvenuta xrat minghand is-socjeta' attrici.

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi, sabiex thallas l-imsemmi debitu, anke permezz ta' ittra ufficjali tat-12 ta' Settembru. 2005 (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok. B), izda baqghet inadempjenti.

Illi l-ammont premess huwa kreditu cert, likwidu u donut u, fil-fehma tas-socjeta' attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi, fil-fehma ta' l-istess socjeta', is-socjeta konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba tal-hlas tal-istess ammont imsemmi.

Illi ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta, ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha u sittin elf mitejn u disgha u tletin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm64,239.78), li tinkludi l-imghax relattiv kkalkulat sal-31 ta' Lulju 2005, oltre l-imghax kummercjali kkalkulat mill-1 ta' Awissu 2005 sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha.

3. Tikkundanna Iis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha u sittin elf mitejn u disgha u tletin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm64,239.78), li tinkludi l-imghax relattiv kkalkulat sal-31 ta' Lulju 2005, oltre I-imghax kummercjali kkalkulat mill-1 ta' Awissu, 2005 sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha.

BI-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Settembru, 2005 ipprezentata kontra s-socjeta' konvenuta, u bl-imghax kummercjali kkalkulat mill-1 ta'

Awissu, 2005 sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra s-socjeta' konvenuta, li r-rapprezentant jew rapprezentanti legali taghha huwa/huma minn issa ngunt/i ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta` konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici fejn cediet is-sorte stante hlas fil-mori tal-kawza u zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Rat l-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta ghall-kap tal-ispejjez tramite verbal f'dan is-sens minn Dr Frank Testa ghas-socjeta` konvenuta kif jirrizulta mill-istess verbal tallum.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi tiddikjara l-mertu ezawrit stante hlas tas-sorte u cessjoni tieghu. Tikkundanna fl-istess waqt lis-socjeta` konvenuta fuq ammissjoni taghha, li thallas il-kap ta' l-ispejjez interament.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------